MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Numru 984/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**Samuel Borg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Sanuel Borg** ta' 17-il sena, bin Ronald u Rita *nee'* Ellul, imwieled Pieta' fl-10 ta' Settembru, 1986, residenti Blokk Indipendenza, Entratura E, Flat 8, Taz-Zwejt, San Gwann u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 434268M;

Talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-27 ta' Novembru, 2003, f'xi hin bejn il-hdax ta' filghodu (11.00hrs.). u t-tlieta ta' wara nofsinhar (15.00hrs) minn gewwa l-fond Flat 7, Entratura E, Triq id-9 ta' Frar, 1799, Binja Indipenza, San Gwann ikkommetta serq ta' deheb, camera tar-ritratti tal-marka Canon u oggetti ohra, liema serq huwa aktar minn Lm1000, liema serq huwa aggravat bil-mezz, lok u valur, ghad-dannu ta' Carmelo Chircop, Maria assunta Chircop, Reuben Chircop u Sarah Chircop.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tat-13 ta' Mejju, 2004, skond l-art 370 (3) (a) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja dwar l-akkuzi hemm imsemmija.

Rat illi l-imputat ma' oggezjonax ghall-istess procedura

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli 261 (b) (c) (e), 263 sa 267, 269, 278 sa 281 Kap 9.

Wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat u tenut kont li ghadu minorenni, tqieghed lill-istess imputat taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, skond id-disposizzjoni tal-art 7 (1) tal-Kap 446.

Tordna id-divjet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat stante li ghadu minorenni

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------